**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019.**

**Rikors nru: 325/2019 AGV**

AB **(ID nru: 0317671 M)**

**Vs**

**CD (ID nru: 43075M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **AB ( ID nru : 0317671M)** fejn ippermettiet u talbet is-segwenti;

1. Illi hi zzewwget lil-intimat CD, fid- 19 ta' Lulju 1997, fil-Parrocca ta' San Duminku, Rabat, kif jidher mic-certifkat taz-zwieg mehmuz u mmarkat bala Dok A;
2. Illi mill-istess zwieg, ma twieldux tfal;
3. In oltre' qieghed jigi kkonfermat li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti;

4. Illi permezz ta' att pubbliku min-Nutar Mary sive Mariella Mizzi, datat it-23 ta' Lulju 2002, u debitament insinwat, kopja awtentika ta' liema qed tigi hawn mehmuza u annessa u mmarkata bhala Dok B, il-partijiet ottjenew is-separazzjoni bonarja bejniethom;
5. Illi ghaldaqstant, ghaddew izjed minn erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni taghhom. Illi ukoll il-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal perjodu kontinwu ta' iktar minn erba' snin.
6. Illi l-esponenti tiddikjara li ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.
7. Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti, joghgobha,

1. Tawtorizza u tippronunzja id-divorzju bejn AB u CD ai temini tal-artikolu 66 A et seq tal-Kodici Civili;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti dina l-Onorabbli Qorti.

Il-Qorti, rat ir-risposta guramentata ta' CD li espona bir-rispett;

1. Illi l-esponenti jiddikjara li huwa jaqbel mal-kontenut tar-rikors guramentat odjern u jikkonferma li fil-waqt li huma sseparaw permezz ta' kuntratt tan-Nutar Dr.

Mariella Mizzi, tat- 23 ta' Mejju 2002, u li mid-data tieghu ghaddew aktar minn erba' snin , ma hemmx prospett ta' rikociljazzjoni bejniethom.

2. Illi ghaldaqstant, l-esponenti ma jopponix ghat-talba tal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet, kif dedotta fir-rikors guramentat tar-rikorrenti AB.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-partijiet talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.
Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**